# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.3

**Kap 5: Ngħinu bil-qalb!**

**Lezzjoni 5.3: L-imħabba u s-sagrifiċċju**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. jisimgħu stejjer ta' nies li jirnexxilhom jgħinu lill-oħrajn fid-diffikultajiet tagħhom u allura li jgħixu tassew it-twemmin tagħhom.
2. jisiltu l-valuri u t-tagħlimiet minn dawn l-istejjer.



**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Preżentazzjoni b'2 stejjer għad-diskussjoni.

- DVD: *Happiness is helping others*

https://www.youtube.com/watch?v=zcruIov45bI



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Fakkar fid-DVD ta' San Tarċisju tal-lezzjoni ta' qabel u ddiskuti kif għen u xi ġralu.
- Ħares ukoll lejn l-għajnuna li Domenico Savio ta lil sħabu meta kienu se jiġġieldu bil-ġebel.
- Staqsi lit-tfal:X'ġara permezz ta' dik l-għajnuna? Minn hawn diġà nibdew noħorġu l-idea ta' sagrifiċċju, imħabba u ferħ.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Iddiskuti ftit l-idea ta' sagrifiċċju, imħabba u ferħ.
- Aqra ż-żewġ stejjer li nsibu fil-preżentazzjoni:
  a. mill-ħajja ta' Madre Tereża
  b. l-istorja ta' Xandru.



- Iddiskuti mal-istudenti dwar l-għajnuna li taw, xi ġralhom talli għenu u x'ħassew.
- Stieden lill-istudenti biex joħorġu t-tagħlimiet minnhom.
- Uri d-DVD *Happiness is helping others*: https://www.youtube.com/watch?v=zcruIov45bI
- Ara r-reazzjoni tal-istudenti u x'tgħallmu minnu.
- Asal għall-punt importanti ta' kif wieħed iħossu meta jgħin bil- qalb.
- Agħlaq il-lezzjoni b'talba adattata.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

- Meta tgħin mill-qalb tħossok kuntent.
- L-għajnuna u l-imħabba jimxu id f'id.
  Li tħobb tfisser ukoll li tagħmel sagrifiċċju.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru li huma lesti li jbatu biex jgħinu lil sħabhom u lil min ikollu bżonn l-għajnuna tagħhom.




## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

- Uri d-DVD *Happiness is helping others*:
  https://www.youtube.com/watch?v=zcruIov45bI



## Nitolbu

Ġesù, nitolbuk tgħinna ma naqtgħux qalbna ħalli nagħmlu l-ġid lil ta' madwarna wkoll meta dan jitlob minna sagrifiċċju.

